MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 271/2011

***Yellow Pages (Malta) Limited***
***(C 11814)***

***Vs***

***IRO Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,468.24), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal servizzi ta' reklamar fil-“Yellow Pages,” debitament prestati lilha.

Bl-ispejjez u l-imghax legali minn meta nghata s-servizz kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta ma pprezentat ebda risposta entro iz-zmien rikjest mil-ligi.

Ra x-xhieda ta' Dr Simon Galea Testaferrata in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u s-socjeta' konvenuta ma kienitx ghamel ebda pagament.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta' attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta thallas talli rreklamat fil-"*Yellow Pages*" peress li naqset li taghmel dan u ghalhekk kellha tinfetah dina l-kawza. Dr Galea Testaferrata, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici kkonfermat li ma kienux saru pagamenti.

Is-socjeta' konvenuta ma rispondietx ghal dina l-kawza u ghalhekk lanqas ma gabet provi dwar jekk kienx hemm bazi ghal pretenzjoni tas-socjeta' attrici.

Ghalhekk, it-Tribunal ser ikollu jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,468.24), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal servizzi ta' reklamar fil-"*Yellow Pages*," debitament prestati lilha.

Bl-ispejjez u l-imghax legali minn meta nghata s-servizz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------